Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 305/2016

**Express Aluminium Limited (appellata)**

**Vs**

**Lucama Limited (appellanti)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. B'sentenza tal-24 ta' Marzu, 2017, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elf mija u tmintax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,118.88), hlas ghal xoghol ta' aluminju.

2. Fis-17 ta' April 2017 l-appellanti pprezentat rikors tal-appell. L-aggravji jkunu li:
   i. Ma thallitx tressaq eccezzjonijiet u provi.
   ii. Giet skartata ghal kollox il-prezenza tal-avukat taghha.

3. Fil-5 ta' Mejju, 2017 l-appellata pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. **<u>Fatti.</u>**

   i. Fit-3 ta' Awissu 2016 l-appellata pprezentat l-avviz tat-talba.
   ii. Il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016.
   iii. Fit-12 ta' Settembru, 2016 l-appellanti kienet notifikata bl-atti.
   iv. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016, ghall-konvenuta ma deher hadd. Mill-verbal jirrizulta li kien biss wara s-smiegh li attenda l-avukat tal-appellanti u *"... kkonferma lis-socjeta' konvenuta hi kontumaci"*.
   v. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 ma deher hadd.
   vi. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2016 deher biss id-difensur tal-appellata li ddikjara li xtaq jitratta.
   vii. Fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2017 deher id-difensur tal-appellata. Fil-verbal gie registrat ukoll, *"Dehret Ms.Bernice Saliba ghas-socjeta` konvenuta.* ***Ms.Bernice Saliba qed tinforma lit-Tribunal li s-socjeta` konvenuta ma ghandha xejn x'titratta u tixtieq li t-talba tghaddi ghas-sentenza****"*.

viii. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2017 deher biss id-difensur tal-appellata u nghatat is-sentenza. Dakinhar stess il-konvenuta tat avviz li ser tappella.

6. Mill-atti jirrizulta li l-appellanti ma pprezentatx twegiba ghall-avviz tat-talba. L-opposizzjoni tat-talba ghandha ssir permezz ta' twegiba (ara regolament 4 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 380.01). Ghalkemm kien hemm xi seduti li ghalihom attenda d-difensur taghha, mill-verbali ma jirrizultax li qatt talab sabiex l-appellanti tithalla tiggustifika r-raguni ghalfejn ma pprezentatx twegiba. Inoltre' ma jirrizultax li qatt talab sabiex l-appellanti tressaq il-provi. Lanqas ma jirrizulta li pprezentat rikors f'dan ir-rigward. Hekk ukoll fl-ebda wahda mis-seduta li fihom deher id-difensur tal-appellanti ma jirrizulta li ddikjara li qeghda topponi t-talba u ta r-raguni ghalfejn. Dak li hemm stampat fil-verbal ta' kull seduta hu l-ahjar prova, u anzi l-uniku prova li l-qorti ghandha quddiemha. Ghal xejn imbaghad wara s-sentenza wiehed joqghod jilmenta. Fic-cirkostanzi hu ghal kollox minghajr bazi l-ilment tal-appellanti li ma thallitx tipprezenta twegiba u tressaq provi. Sahansitra kif rajna fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2016 id-difensur tal-appellanti talab li jaghmel trattazzjoni quddiem it-Tribunal. Talba li giet milqguha. Imbaghad fis-seduta ta' wara l-persuna li dehret ghall-konvenuta ddikjarat li ma kienx hemm trattazzjoni x'isir u talbet li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza.

7. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju li t-Tribunal skarta ghal kollox il-prezenza tal-avukat tas-socjeta appellanti, din l-allegazzjoni ma tirrizultax mill-atti. Ghalkemm l-appellanti tallega li, *"... l-istess Avukat kellu r-risposta bl-eccezzjonijiet tas-socjeta appellanti lesta sabiex tigi pprezentata fl-atti seduta stante, izda kien gie prekluz mill-istess Tribunal milli jaghmel dan"*, fl-atti mhemmx prova ta' dan. Ilment iehor hu li t-Tribunal strah biss fuq il-provi tal-attrici. Pero' t-Tribunal ma setax jaghmel mod iehor gialadarba l-konvenuta addottat atteggament ghal kollox passiv. M'hemmx dubju li mill-atti mhemmx l-icken indikazzjoni li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar illeda d-dritt ghal smiegh xieraq tal-konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta. Peress li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.